**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05/2023

**Il-Ħamis 30 ta' Marzu, 2023**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

05.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

## 05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/K8/2023.

05.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K8/2023 kif ippreżentati.

05.2.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1301/23/O** Email li l-Kunsill bagħat lill-Viċi Sindku Omar Arab dwar it-talbiet tal-PAAT vis-a-vis il-Pembroke-Swieqi road trail Family fun run li ser tinżamm fil-31 ta' Marzu 2023.

05.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1301/23/O** fejn ippropona li l-Kunsill kif diġa maqbul fuq l-emails, għandu jmexxi billi jkopri l-ispejjeż tas-soltu marbuta mal-organizzazzjoni esterna tal-attività, f'dan il-każ il-kiri ta' mobile toilets u servizz t'ambulanza u paramediċi, liema spejjeż ser tintalab rifużjoni tagħhom mingħand ir-Reġjun Lvant.

05.3.2 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1505/23/I** Approvazzjoni minn TM għal road hump fi Triq Alamein bejn il-HUB u St. Michael School.

**46/1918/23/I** Punti li ġew diskussa mal-Kap tal-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ Santa Klara dwar mezzi ta' traffic calming biswit l-iskola fi Triq Martin Luther King.

05.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1505/23/I** fejn ippropona li dan ix-xogħol jiġi ordnat mill-Kunsill (la darba jiġi iffirmat il-kuntratt), u dwar korrispondenza **46/1918/23/I** ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM għal dawn ix-xogħlijiet, u wara li jinkiseb il-permess, jitlob lill-Infrastructure Malta sabiex jordna dawn ix-xogħlijiet, dan peress li jinvolvi d-disturb tal-wiċċ tat-tarmak kopert bil-garanzija.

05.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1525/23/I** Email mingħand Malta Libraries jinfurmaw lill-Kunsill dwar ftehim li kien hemm waqt l-intervisti tal-librar il-ġdid, fejn il-pagament dovut lill-librar isir fl-inter tiegħu mill-Kunsill u wara l-Kunsill jitlob rimburżar tal-parti dovuta mid-Dipartiment.

05.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1525/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jimxi skond dak rikjest mill-Malta Libraries, fl-interess tal-librerija u l-klijenti tagħha.

05.3.8 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1606/23/I** Proposta Innovazzjoni Diġitali għat-tfal ta' bejn 5 u 12-il sena (TCTC)

**46/1728/23/I**

05.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1606/23/I u 46/1728/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirrifjuta din l-offerta ġaladarba s-sala hija kommessa għall-attivitajiet oħrajn fix-xhur li ġejjien.

05.3.11 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1617/23/I** Email mingħand Reġjun Lvant fejn b'referenza għal Cir AKL 2023-014 - ECAD Membership 2023, infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu qed iħallsu din il-miżata tas-sħubija min-naħa tagħhom.

05.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1617/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tiġġedded din l-isħubija, ġaladarba din ser titħallas mir-Reġjun.

05.3.14 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1625/23/I** Talba biex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-PA tirrilaxxa l-garanzija bankarja lill-iżviluppatur ta' PA06541-19 (36, Fairfield, Triq Profs. E. Debono)

**46/1876/23/I** Talba biex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-PA tirrilaxxa l-garanzija bankarja lill-iżviluppatur ta' PA9700-19 (38, Triq il Kurunell Lorenzo Manche')

05.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1625/23/I u 46/1876/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-PA tirrilaxxa dawn il-garanziji bankarja.

05.3.17 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1665/23/I** Kwotazzjoni mingħand Koptaco għal trasport għall-attività ta' nhar Ħamis ix-Xirka.

**46/1700/23/I** Kwotazzjoni mingħand Zarb Coaches għal trasport għall-attività ta' nhar Ħamis ix-Xirka.

**46/2443/23/I** Kwotazzjoni mingħand Supreme Travel għal trasport għall-attività ta' nhar Ħamis ix-Xirka.

05.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1665/23/I, 46/1700/23/I u 46/2443/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` l-orħos offerta.

05.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1680/23/I** Kwotazzjoni mingħand Zaren Scicluna għall-kiri ta' mobile toilets għall-attività tal-31 ta' Marzu.

**46/1902/23/I** Kwotazzjoni mingħand Salvu Cleaning Services għall-kiri ta' mobile toilets għall-attività tal-31 ta' Marzu.

**46/1906/23/I** Kwotazzjoni mingħand Venscic Ltd għall-kiri ta' mobile toilets għall-attività tal-31 ta' Marzu.

**46/1989/23/I** Kwotazzjoni mingħand Malta Red Cross għal-servizz ta' ambulanza u paramediċi għall-attività tal-31 ta' Marzu.

**46/2067/23/I** Kwotazzjoni mingħand Global Security għal-servizz ta' ambulanza u paramediċi għall-attività tal-31 ta' Marzu.

05.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1680/23/I, 46/1902/23/I, 46/1906/23/I, 46/1989/23/I, u 46/2067/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` l-orħos offerti.

05.3.23 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1682/23/I** Email mingħand it-tim li qed imexxi l-app Explore Malta, fejn talbu lista ta' postijiet t'interess fil-lokal.

**46/1777/23/O** Risposta mill-Kunsill b'lista ta' postijiet t'interess.

**46/2077/23/I** Email mingħand it-tim li qed imexxi l-app Explore Malta dwar l-installazzjoni ta' 'beacons'.

05.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1682/23/I, 46/1777/23/O u 46/2077/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova s-siti ndikata mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

05.3.26 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1701/23/I** Proposta t'interess mingħand ir-Reġjun Lvant flimkien mal-Hudson Project dwar l-installazzjoni ta' posta li tiġġenera u tissupplixxi enerġija alternattiva.

05.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1701/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-interess tiegħu.

05.3.29 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1813/23/I** Ċirkulari 4 tal-2023 mingħand DGL dwar il-Proġetti ta' School Grannies fejn persuni anzjana jassistu lit-tfal huma u deħlin mill-iskola.

05.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1813/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ikompli jinsisti li dan ix-xogħol jagħmluh l-awtoritajiet tal-pajjiż aktar milli nitfgħu responsabbiltà u potenzjalment periklu fuq l-anzjani tal-lokalita`. Il-kelliem żied li fl-aħħar mill-aħħar, ir-responsabbiltà tal-infurzar tal-liġi żgur li ma tistax tiġi delegata lir-residenti voluntiera u huwa evidenti li dak li hemm bżonn huwa aktar infurzar effettiv. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jerġa' jagħmel tentattiv biex jiddiskuti din il-proposta mal-kapijiet tal-iskejjel tal-lokal, fejn għandha issir laqgħa għall-iskejjel fil-Kunsill.

05.3.32 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1819/23/O** Suġġeriment fi Triq Misraħ il-Fortizza jiżdided id-dawl pubbliku.

05.3.34 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk huwiex ser jiġi nstallat ukoll dawl ġdid fil-parkeġġ ta' biswit Triq Normandy.

05.3.35 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1819/23/O** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob il-parir tekniku tal-kuntrattur tal-Kunsill dwar iż-żewg istanzi u wara li tintalab stima, isir ix-xogħol li hemm bżonn.

05.3.36 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1905/23/I** Stima mingħand Urban Play Solutions biex isiru tabelli informattivi biswit il-bandli li għadhom kif ġew installata.

05.3.38 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1905/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob stima ukoll lill-kuntrattur tal-Kunsill li jagħmel it-tabelli tat-traffiku.

05.3.39 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1908/23/I** BOQ mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar l-upgrading tal-faċilitaijiet sanitarji ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, biex isiru aktar effiċjenti.

05.3.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1908/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirreferi din il-BOQ in konnessjoni mat-talba diġa sottomessa lir-Regjun.

05.3.42 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

05.3.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1914/23/O** Suġġeriment biex isir litter bin ħdejn Bus Shelter Portanier.

05.3.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1914/23/O** fejn staqsa lill-Kunsillier Charles Cesare jekk kienx hemm xi żvilupp ukoll dwar il-litter bins li kellhom jitwaħħlu biswit il-bus shelters ta' biswit ir-roundabout ta' quddiem Triq San Patrizju.

05.3.45 Il-Kunsillier Charles Cesare informa lill-Kunsill li ser isiru minn Clean Malta.

**46/1952/23/O** Suġġeriment biex fi Triq Pietro Rossell jitwaħħlu tabelli kontra l-ħmieġ tal-klieb.

05.3.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1952/23/O** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` dan is-suġġeriment u jordna t-tabelli meħtieġa, waħda fuq kull naħa ta' Triq Pietro Rossell.

05.3.47 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1959/23/I** Email mingħand l-ERA dwar konsultazzjoni pubblika – PA/07254/22 (EA0000222) - Villa Rosa and Cresta Quay development

**46/2087/23/I** Email mingħand il-Kunsill Lokali Swieqi dwar il-proġett propost ta' Villa Rosa.

05.3.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1959/23/I u 46/2087/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill juri t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-ammont ta' vetturi u traffiku li ser jiġġenera dan il-proġett, inkluż ukoll l-impatt viżwali massiv li ser ikollu fuq il-lokalita` nnifisha fejn minkejja li mibni f'qiegħ ta' wied, huwa evidenti li ser jiżboq bil-bosta s-sulari mibnija fil-viċinanzi tiegħu fin-naħa tal-lokalita` tagħna. Il-kelliem żied li b'rabta mal-proġett preċedentement propost u approvat, il-Kunsill diġa kien wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li t-traffic count kien ittieħed numru ta' snin qabel, meta l-akwata kienet ferm inqas karatterizzata minn traffiku prattikament f'kull ħin tal-ġurnata, u binjiet akbar u esaġerati ser ikomplu jitfgħu pressjoni f'żoni diġa maħnuqa. Is-Sindku Dean Hili żied ukoll li b'rabta mal-proġett tad-DB l-awtoritajiet fil-pajjiż diġa għamluha ċara li l-proġett ma jistax jiffunzjona jekk ma jkunx hemm *road network* indipendenti minn dik eżistenti u għalhekk huwa aktar u aktar sorprendenti kif qegħdin jiġu maħsuba dawn it-tip ta' proġetti bieb u għatba minn xulxin. Żied ukoll li din il-konfużjoni kollha fil-linja tal-ippjanar hija ferm u ferm aktar sorprendenti meta wieħed jikkonsidra d-dikjarazzjoni tal-Ministru tat-Turiżmu li Malta ser ikollha tiġġenera 4.7 miljun turist sabiex timla s-sodod kollha pjanata f'lukandi ġodda – ċifri li ma jidhirx li huma realistikament ottjenibbli, biex dan kollu fil-kuntest ta' lokalita` li fl-aħħar snin ġiet assedjata minn proġetti ta' żvilupp massiċċ inkluż il-proġett tad-DB, l-Ambaxxata Ċiniża fuq art verġni misruqa mill-poplu, u l-*white elephant* tal-Australia Hall li għalkemm s'issa ftit li xejn qegħda tissemma, kulħadd huwa konxju li t-tranġar tagħha ser jirrikjedi element ta' kummerċ fil-proġett a detriment mill-ġdid tal-komunità.

05.3.50 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li jixtieq jara x'ser ikun l-impatt tal-proġett fuq ir-residenti tal-lokal waqt il-bini u wara li jitlesta. Irrimarka wkoll li jixtieq li jsir proċess fejn nies kompetenti jagħmlu rapport lill-Kunsill dwar l-impatt fuq ir-residenti ta' Pembroke.

05.3.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda l-proposta tas-Sindku b'żieda mal-proposta tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab u l'issir laqgħa kif propost mill-Kunsill Lokali Swieqi.

05.3.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1986/23/I** Email mingħand l-BCRS jinfurmaw lill-Kunsill li għandhom il-pjan li ikabbru l-hub li hemm fil-Pembroke P&R billi jirċievi fih ammont ta' fliexken minflok wieħed, wieħed.

05.3.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1986/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba li qed issir, pendent l-approvazzjoni wkoll ta' TM/ATP.

05.3.54 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

***05.3.56 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tiġi skużata u ħalliet il-Kunsill fis-7:15pm.***

**46/1987/23/I** Ħsara fuq il-bankina fi Triq Pietro Rossell.

**46/1988/23/I** Ħsara fuq parti mill-bankina fi Triq Patri Indri Vella.

05.3.57 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1987/23/I u 46/1988/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna x-xogħlijiet meħtieġa.

05.3.58 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2008/23/I** Lista ta' skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 dwar Attivitajiet Kulturali, Manutenzjoni fil-Libreriji u The World Cleanup Campaign 2023.

**46/2082/23/I** Proposti mill-Viċi Sindku Omar Arab għall-iskemi proposti.

**46/2096/23/I** Kummenti tas-Sindku Dean Hili għall-proposti tal-Viċi Sindku Omar Arab dwar l-iskemi proposti.

**46/2184/23/I** Lista ta' skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 dwar Komunitajiet aktar siguri u Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri.

**46/2185/23/I** Email mingħand l-Ispettur tal-Community Police, fejn talbet laqgħa biex tressaq proposti konnessa mal-iskema Komunitajiet aktar siguri.

**46/2217/23/I** Email mingħand id-Dipartiment tal-libreriji iħeġġeġ lill-Kunsill biex japplika għall-iskema servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji.

05.3.60 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2008/23/I, 46/2082/23/I, 46/2096/23/I, 46/2184/23/I, 46/2185/23/I u 46/2217/23/I** fejn ippropona li dwar

- SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 (Data ta' l-għeluq - l-Erbgħa, 26 ta' April 2023) – il-Kunsill jaqbel li m'hemmx biżżejjed żmien biex il-Kunsill ikun jista' jissottometti applikazzjoni kompluta kif mitlub,
- SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex (Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023) – issir laqgħa mal-librar biex il-Kunsill ikun jista' jesplora aħjar x'hemm bżonn isir fil-librerija,
- SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023 (Data ta' l-għeluq - il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023) – il-Kunsill għandu japplika billi jistieden l-iskejjel sekondarji, għaqdiet sportivi u residenti biex jipparteċipaw,
- SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati (Data ta' l-għeluq – Il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju 2023) – issir laqgħa mal-Community Police biex il-Kunsill jara x'suġġerimenti qed isiru u eventwalment ikun jista' jissottometti applikazzjoni, u
- SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu 2023) – il-Kunsill ma jistax japplika għax ma sar ebda proġett simili fil-lokal.

**05.3.61** ***Fis-7:35pm il-Kunsillier Désirée Vella Brincat reġgħet ingħaqdet fil-laqgħa.***

05.3.62 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.64 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa importanti li għal dawk l-iskemi li l-Kunsill qabel li japplika għalihom, huwa jiġi provdut b'dettalji speċifiċi f'ħin adegwat, ħalli jkun jista' jiġbor l-istimi neċessarja biex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni qabel id-data tal-iskadenza.

**46/2043/23/I** Suġġeriment dwar parking bays l-akwata tal-iskola.

05.3.65 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2043/23/I** fejn ippropona li l-persuna konċernata għandu jiġi nfurmat li l-ispazju indikat mhux biżżejjed biex tipparkja karozza, filwaqt li kaxxi sofor ma jindikawx li ma jistax isir parkeġġ, suġġett li ma jsirx inkonvenjent għar-residenti konċernata.

05.3.66 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2122/23/I** Risposta mingħand ir-Reġjun Lvant dwar il-possibilità ta' ħruġ ta' tender konġunt għal-provvista, żamma u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

05.3.68 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2122/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ikompli jimbotta din l-inizjattiva filwaqt ukoll li jirreġistra l-interess tiegħu.

05.3.69 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2145/23/I** Kwotazzjoni mingħand J&K Contractors għal provvista u l-installazzjoni ta' railing bil-key clamps.

05.3.71 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2145/23/I** fejn ippropona li qabel tittieħed deċiżjoni, il-Kunsill għandu jistenna stima oħra mingħand kuntrattur ieħor tal-Kunsill.

05.3.72 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2164/23/I** Stedina mingħand l-Iskola Sekondarja biex il-Kunsill jipparteċipa f'Jum il-Premjazzjoni.

05.3.74 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2164/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa inkluż li f'isem il-Kunsill jiġi preżentat ktieb lil-wieħed mill-istudenti.

05.3.75 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2171/23/I** Proposta mingħand il-Health Promotion and Disease Prevention Department for Health Regulation jirrakkomandaw li jerġa' isir il-Weight Management Programme.

05.3.77 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2171/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill mill-ġdid jorganizza dawn is-sessjonijiet.

05.3.78 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2209/23/I** Ilment li wassal Il-Kunsillier Raymond Lanzon mingħand residenti ta' Trejqet Patri Odorik Grima dwar il-problema bl-ilma tax xita.

05.3.80 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2209/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiddiskuti s-suġġett u jekk jirriżulta li dan huwa l-istess ilment imqajjem mill-Kunsill mal-perit tiegħu, il-Kunsill għandu jsegwi dik l-ordni. In oltre, il-kelliem żied li hemm ukoll marbut magħha problema li tinqala` ma' kull xita f''Wesgħet ix-Xelter li l-Kunsill jeħtieġ li jimbotta fix-xhur li ġejjien, qabel jerġa` jibda l-maltemp. L-istess għandu isir fuq Triq Juno peress li qed iżomm l-ilma.

05.3.81 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.3.82 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2223/23/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant bi skeda t'attivitajiet konnessa mal-European Region of Sports 2023.

**46/2410/23/I** 23-2410-I - Events Procedure - European Region of Sport (Camilleri Kurt)

05.3.83 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2223/23/I u 46/2410/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa` mar-Reġjun sabiex jiċċara kwistjonijiet li nqalgħu fl-aħħar żewġ attivitajiet pjanati fejn, minkejja li l-Kunsill ma kienx mgħarraf, rappreżentant tar-Reġjun għamel wegħdiet u rabat lill-Kunsill bihom, sa ma kellhom isiru diskussjonijiet alternattivi mar-Reġjun. Il-kelliem żied li jidher li l-involviment ta' dan il-persuna llum m'għadhiex hemm u allura jeħtieġ li l-koordinament minn issa 'l quddiem ikun ftit aktar feliċi u għalhekk intalbet laqgħa magħhom li hija skedata.

05.3.84 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.85 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.86 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dwar dan is-suġġett ġiet skedata laqgħa għal nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2023.

**46/2234/23/O** Suġġeriment biex jitwaħħal dog bin quddiem il-ġnejna li hemm bejn Triq Luigi Billion u Patri Indri Vella.

05.3.87 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2234/23/O** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din it-talba u għalhekk issir ordni għall-provvista u twaħħil ta' dan id-dog bin.

05.3.88 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.89 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2257/23/O** PA 01672/23 - Ex raffles, propost li jiżdied is-seating area fiż-żona tal-catering.

**46/2331/23/I** Talba mingħand l-iżviluppatur tal-ex Raffles biex jitneħħew 6 parkeġġi fi Triq Arnhem ħalli jkunu jistgħu jaħdmu bl-inġenji tagħhom.

05.3.90 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2257/23/O u 46/2331/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirreferi għall-kummenti minnu magħmula l'issa ser iżidu ma' dik il-pressjoni li diġa ippreveda l-Kunsill, inkluż li l-Kunsill jitlob lill-PA torbot lill-iżviluppatur b'kundizzjonijiet f'dak li s-sit tal-Pembroke P&R il-quddiem jaf ikun hemm applikazzjonijiet biex jinbidel fi

ġnien jew attività kummerċjali oħra. Dwar it-talba biex jitneħħa parkeġġ fi Triq Arnhem, il-kelliem ippropona li l-iżviluppatur għandu jara li jsib soluzzjonijiet alternattivi li ma jaffetwax il-parkeġġ.

05.3.91 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.92 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2305/23/I** Stima mingħand Studio Seven għall-manutenzjoni tad-dawl tal-funtana.

05.3.93 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2305/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna x-xogħol meħtieġ.

05.3.94 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.95 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2325/23/I** Email mingħand Sigma Group jitolbu no objection tal-Kunsill għall-ġirja li ser jorganizzaw fit-13 ta' Novembru 2023.

05.3.96 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2325/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirreġistra no objection tiegħu u jinfurmahom bl-entitajiet l-oħrajn li jeħtieġu l-permess tagħhom.

05.3.97 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.98 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2341/23/O** Ilment mingħand resident dwar iż-żona tal-Ambaxxata Ċiniża u suġġeriment ta' tabella Residents Only fi Triq Pelaġju Mifsud.

05.3.99 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2341/23/O** fejn ippropona li r-resident għandu jiġi infurmat li, dak li għandu x'jaqsam maż-żona tal-ambaxxata, l-Kunsill m'għandu l-ebda awtorità jagħti ordnijiet jew jillimita l-użu tal-art, li jidher li f'kull każ ma fadalliex wisq ħin titgawda mill-pubbliku. Dwar it-talba għal tabelli ta' Residets only, il-kelliem ippropona li s-sinjur jiġi infurmat li la triq hija pubblika, tali tabella ma tistax issir.

05.3.100 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.101 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2360/23/I** Ilment mingħand resident dwar trabijiet wara sit A5 – A11.

05.3.102 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2360/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lir-resident li la darba t-triq qatt m'inbniet, il-Kunsill ma jistax jagħmel ebda intervent iżda ser issir talba lill-IM.

05.3.103 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.3.104 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2374/23/I** Kors organizzat mir-Reġjun Lvant - Unleashing Innovation in Local Communities.

05.3.105 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2374/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinnomina lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab biex jipparteċipa.

05.3.106 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.107 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2408/23/I** Email mingħand iċ-Ċentru tax-Xjenza dwar l-attività Science Safari 2023, jinfurmaw lill-Kunsill li ma jistgħux jaċċettaw id-drink li kien ser jingħata l-isponsor.

05.3.108 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2408/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibqa' mal-kunċett li jipprovdi frotta għal kull parteċipant.

05.3.109 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.110 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.111 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jinħatar Bord tal-Għażla vis-a-vis it-tender li ser jinħarġu matul din is-sena, liema Bord għandu jkun magħmul minn 3 membri tal-Kunsill apparti s-Sindku li huwa c-Ċermen mingħajr vot u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, li huwa s-Segretarju tal-Bord.

05.3.112 Is-Sindku Dean Hili ippropona li bi qbil għandhom ikunu l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, il-Kunsillier Désirée Vella Brincat u l-Kunsillier Raymond Lanzon.

05.3.113 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.3.114 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.115 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-laqgħa li saret ma' IM dwar l-upgrading ta' Triq Sant'Andrija inkluż id-daħla, fejn għall-laqgħa kienu preżenti flimkien miegħu, l-Viċi Sindku Omar Arab, il-Kunsillier Désirée Vella Brincat, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u għall-IM kienu preżenti Ms. Emeline Fenech, il-Perit Walter Portelli u l-Perit Robert Zerafa. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li f'dan l-istadju l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-proġett kif propost, għalkemm xorta jibqa jinsisti li għandu jkun hemm ħruġ minn Pembroke P&R għal Triq Sant' Andrija għall-vetturi privata ukoll.

05.3.116 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

05.3.117 Il-Kunsill qabel unanimament.

05.3.118 Is-Sindku Dean Hili ippropona li terġa' teħel it-tabella fuq il-bankina ta' Triq Normandy li tindika li ma jistax isir ipparkjar fuq il-bankina.

05.3.119 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

05.3.120 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

05.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 05.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

05.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 3/2023** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K8/23 u 05/K8/23 **(Ara Dok. 1)**

05.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 3/2023** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

05.5.3 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.6 Programm t'attivitajiet għal Jum Pembroke 2023.

**46/1143/23/I** Email mingħand Bubbles Animation & Entertainment Ltd. dwar servizz ta' Tribute Bands.

**46/1657/23/I** Email mingħand Tal-Fuklar Folk Group dwar servizz ta' daqq ta' mużika folk u tradizzjoni.

**46/1684/23/O** Memo 122/2010 - Infieq Jum il-lokal.

05.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li minflok jum il-lokal, għandu jiġi kkommemorat festin bit-tema tkun kulturali Maltija li tkun tinkludi mużika kontemporanja u anke tradizzjonali, u jiġu mistiedna persuni fl-artiġġjanat malti u produtturi tal-ikel, bl-għajnuna ta' persuni li jorganizzaw tali attivitajiet, fejn attività simili tkun tista' tattira wkoll fondi mill-iskemi tar-Reġjun li huma a dispożizzjoni tal-Kunsill u għalhekk il-limitazzjoni fin-nefqa tkun anqas restrinġenti.

05.6.2 Il-Viċi Sindku Omar Arab issekonda.

05.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.7 Inizjattivi tar-Reġjun Lvant u Skemi tad-DGL.

**46/1631/23/I** Email mingħand Reġjun Lvant dwar proġetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Lvant.

**46/1683/23/I** Proposti mingħand il-Viċi Sindku Omar Arab dwar proġetti b'kollaborazzjoni Kunsilli Lokali reġjonali lvant.

**46/1684/23/O** Informazzjoni li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg bagħat lill-membri dwar capping konnessa mal-infieq ta' Jum il-Lokal.

05.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Reġjun Lvant qed jagħmel għad-dispożizzjoni tal-Kunsill is-segwenti skemi:

- Attivitajiet sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 - €3,000
- Proġetti kulturali, sports, mużika, jum il-lokal, baned - €13,000
- Proġetti ta' titjieb fil-lokalita' - €35,000
- Xiri jew kiri ta' tiżjin tal-Milied - €3,000

05.7.2 Is-Sindku Dean Hili ippropona li aktar dettalji jingħataw aktar il-quddiem meta l-Kunsill ikollu stampa aħjar.

05.7.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

05.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

05.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8)**

05.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, inkluż tal-J&K Contractors referenza 1847-23, u dan għalkemm il-Perit baqa' b'riservi għalih għalkemm il-bini sar kif mitlub mill-Perit stess.

05.8.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

05.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05.9 Mozzjonijiet.

05.9.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 05.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

05.10.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fid-9:00pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' April 2023 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 26 ta' April, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili<br>**Sindku** | Kevin Borg<br>**Segretarju Eżekuttiv** |